# Kap 1: Storja ta' Mħabba

## Lezzjoni 1.1 – In-Nies tal-Qedem u l-allat tagħhom

**Il-*Keywords* :**

**Tempji Megalitiċi, allat**

**L-Għanijiet:**

L-istudenti

- jidentifikaw il-ġrajjiet prinċipali fl-Istorja ta' Malta li tibda bil-bini tat-tempji Megalitiċi;
- jifhmu li dawn il-binjiet f'Malta u barra minn Malta juru li l-bniedem dejjem kien u għadu jfittex lid-Divin;
- jingħataw informazzjoni dwar allat Maltin, Griegi, Rumani u Eġizzjani.

**Ir-Riżorsi:**

- **Preżentazzjoni 1.1** li tinkludi stampi ta' Tempji Megalitiċi u statwi ta' allat Griegi, Rumani, Egizzjani u Maltin.
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1. 1*
- *Il-Bibbja.*

**Il-Proċess:**

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Staqsi lill-istudneti x'inhuma l-eqdem affarijiet li għandna Malta u dan għandu jwassalhom li jsemmu t-tempji Megalitiċi.
- Uri l-preżentazzjoni (**Preżentazzjoni 1.1**) u spjega kemm it-tempji huma antiki.
- Staqsi għaliex inbnew it-tempji u għalfejn tpoġġew l-istatwi fihom.
- Enfasizza l-punt li sa mill-antik il-bniedem dejjem fittex li jadura lil xi Ħadd li hu akbar minnu u li tah il-ħajja u l-ħolqien.
- Wassal lill-istudenti biex jifhmu li fil-bniedem hemm ċertu bżonn li jqim lid-Divin taħt xi forma jew oħra. Dan hu twemmin differenti u mod ta' qima differenti.
- Isir il-qari tal-paġna minn *Il-Ktieb tal-Attivitajiet* u tista' tinħadem l-ewwel l-attività bħala klassi wara jiġu ċċekkjati l-ismijiet. Ir-risposti tat-Tiftixa-kliem huma: *Żeus, Bagħal, Ra, Apollo, Pandora, Astarte, Bakku, Posejdon, Merkurju, Atlas, Nettuno, Venere u Mara l-Ħoxna.*
- L-attività AĦSEB U AĦDEM tinħadem bħala klassi jew b'mod individwali bħala konklużjoni tal-lezzjoni kollha. Min mill-istudenti jkun jixtieq jaqsam ma' sħabu dak li jkun kiteb, ikun jista' jagħmel dan. Xi risposti jistgħu jkunu: *naqra l-Bibbja, nara DVD's dwar qaddisin, immur il-*

*quddies, nitlob, nimita nies li qed jgħixu ta' kattoliċi u oħrajn*. Hawnhekk tajjeb li jiġi enfasizzat il-fatt tal-importanza li aħna nitgħallmu biex inkunu nistgħu nagħrfu sew kemm fil-verità jħobbna Alla.

# Kap 1: Storja ta' Mħabba

## Lezzjoni 1.2 – Il-proċess tal-ħajja tal-bniedem

### Il-Keywords

Il-proċess tal-bniedem, ġrajjiet kbar

### L-Għanijiet:

L-istudenti

- jagħrfu li l-ħajja ta' kull bniedem hija parti minn proċess li hija l-ħajja umana. Il-ħajja tal-umanità bdiet ħafna żmien ilu.
- jagħrfu li eluf ta' snin ilu, kemm f'Malta kif ukoll fid-dinja kollha, inkluż fil-Lvant, kienu qed jiġru ħafna ġrajjiet. Fost dawn insibu l-ġrajjiet li għadda minnhom il-Poplu Lhudi.
- jaslu jifhmu li hemm kontinwità permezz taż-żmien fil-ġrajjiet il-kbar tad-dinja u tal-Knisja li jaslu sal-lum. Dan nuruh permess tal-qaddisin tul l-istorja tal-Knisja, fosthom San Pawl, San Franġisk u l-Papa Ġwanni Pawlu II.

### Ir-Riżorsi:

- **Preżentazzjoni 1.2** li tinkludi stampi ta' bini reliġjuż, santwarji, tempji u knejjes antiki u moderni u stampi ta' personaġġi tat-Testment il-Qadim u l-Ġdid u oħrajn ta' qaddisin antiki u riċenti.
- *Timeline* bid-dati mis-sena 2000qK sas-sena 2500wK bi spazji ta' 500 sena. Din qiegħda fuq il-ktieb, però tkun idea tajba li ssir waħda kbira xi żewġ metri u titwaħħal mal-ħajt tal-klassi ħalli kontinwament ikun hemm referenzi għaliha. Tinsab ukoll bħala riżorsa. Tista' tipprintjaha fuq karti A4 u twaħħalhom flimkien.
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.2*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Uri lill-istudenti l-istampi tal-bini reliġjuż antik u modern u staqsihom x'inhu dak li qed jinnotaw. Wassalhom li jifhmu li l-bini juri proċess ta' żmien. Wara spjega li xi elfejn sena qabel Kristu (2000QK), Alla beda poplu permezz ta' Abraham u martu. Fakkar kif il-Poplu Lhudi kiber f'Iżrael, spiċċa skjav fl-Eġittu, inħeles permezz ta' Mosè, kellu s-slaten, u xi 500 sena QK spiċċa eżiljat u meħlus.
- Semmi li Kristu twieled elfejn sena ilu, waqqaf il-Knisja u li din tatna qaddisin tul dawn l-elfejn sena, xi wħud popolari bħal San Pawl u San Franġisk (li miet fl-1220) u oħrajn li huma ta' żmienna, inkluż il-Papa Ġwanni Pawlu II.
- Flimkien mal-istudenti, aqra l-paragrafu minn *Il-Ktieb tal-Attivitajie*t 1.2 u tinħadem l-Attività 1. Tista' ssir bħala klassi biex tinħoloq diskussjoni u kulħadd ikun jista' jsegwi f'daqqa. It-*Timeline* timtela kif jidher hawn taħt.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Abraham | Mosè | David | Profeti | ĠESÙ | Il-Knisja | | S. Franġisk | | |
| 2000qK | 1500qK | 1000qK | 500qK | 0 | 500wK | 1000wK | 1500wK | 2000wK | 2500wK |
| Tempji Megalitiċi | Tinbena l-Imdina | | | | S Pawl | L-Għarab | Il-Kavallieri | Aħna. | |
| | | | | | | | | | |

- Aqsam il-klassi fi gruppi biex flimkien jistgħu jaħdmu Attività 2. Hawnhekk għandek xi informazzjoni dwar San Pawl:

  Twieled madwar is-sena 5 WK f'Tarsus fiċ-Ċiliċja. Ismu kien Sawl. Meta kien żgħir tgħallem jagħmel it-tined u meta kien żagħżugħ ħa l-edukazzjoni fl-iskola ta' għalliem famuż u bravu li kien jismu Gamaliel. Sar bravu ħafna fil-Liġi Lhudija u kien konvint li l-Insara kienu l-għedewwa t'Alla u beda jippersegwitahom u jiġri 'l hawn u 'l hinn biex joqtolhom. L-Insara kienu jibżgħu minnu bil-kbir. Fi triqtu lejn Damasku biex jaqbad lill-Insara, iltaqa' ma Ġesù meta ra dawl kbir li minħabba fih waqa' minn fuq iż-żiemel. 'Min int?' qallu ' Jien Ġesù, dak li inti qiegħed tippersegwita.' 'Xi tridni nagħmel, Mulej? Il-Mulej qallu x'għandu jagħmel u minn persuna tfittex biex toqtol lill-Insara, sar għalliem u Appostli kbir ta' Ġesù. Miet f'Ruma madwar is-sena 67 WK meta qatgħulu rasu. Infakkru l-Konverżjoni tiegħu fil-25 ta' Jannar u n-Nawfraġju tiegħu fl-10 ta' Frar.

- L-attività AĦSEB U AĦDEM tista' tinħadem individwalment . Xi risposti jistgħu jkunu dawn:
  - il-kuraġġ u l-ħeġġa li kellu,
  - in-nuqqas ta' bizgħa,
  - il-ħeġġa li jgħallem,
  - li jsir jaf hu fuq Ġesù.
- Hawnhekk tista' taqbad kwalità, bħal per eżempju: il-ħeġġa, u tgħin lill-istudenti jaslu jifhmu dwar l-importanza li biex nagħmlu li hemm bżonn u nirnexxu, kemm hu sew li jkollna attitudni ta' ħeġġa.

# Kap 1: Storja ta' Mħabba

## Lezzjoni 1.3 – Il-Ġrajjiet li jdawru ħajjitna

### Il-Keywords

Ġrajjiet f'ħajjitna, Alla

### L-Għanijiet:

L-istudenti

- jagħrfu li t-*timeline* juri ċar kif żviluppat il-ħajja tal-ġenituri tagħhom jew dawk li jieħdu ħsiebhom u kif anke huma għandhom *timeline* bi ġrajjiet importanti.
- jagħrfu li dawn il-ġrajjiet qed jiffurmaw il-ħajja tagħhom u li mhux qed jiġru b'kumbinazzjoni imma hemm xi ħadd li qed jidderiġihom. Dan ix-xi ħadd huwa Alla li ħalaq lil kulħadd u li jrid li kulħadd imur għandu.

### Ir-Riżorsi:

- Stampi ta' ġrajjiet importanti fil-ħajja tan-nies – eż. twelid, magħmudija, l-ewwel darba l-iskola, l-Ewwel Tqarbina, il-Griżma, safar, iż-żmien fl-Iskola Sekondarja, l-eżamijiet, ix-xogħol, iż-Żwieġ, xi twelid ta' tarbija, il-mewt ta' nanna/ġenitur/dawk li jieħdu ħsiebhom, eċċ. L-istudenti jistgħu jitolbu lill-ġenituri jagħtuhom is-snin ta' meta ġraw ħafna minn dawn l-avvenimenti f'ħajjithom u f'ħajjet it-tfal stess.
- *Timeline* mill-1950 sal-2020 b'qabżiet ta' 10 snin.
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.3*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Ibda billi turi *timeline* qasir bid-dati tal-ġrajjiet ewlenin tal-ħajja tiegħek. Dan wasslu sas-sena preżenti billi turi meta bdejt tgħallem fl-iskola preżenti. B'hekk l-istudenti jaraw ir-rabta bejn is-snin tal-passat u issa. Tista' ssemmi xi ġrajjiet mondjali li ġraw u kemm kellek żmien meta seħħew, ngħidu aħna l-attakk terroristiku tat-*Twin Towers* – 11/9/2001, il-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca fl-2007, iż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta fl-2010 u ġrajjiet oħra f'Malta. Issa għid lill-istudenti biex joħorġu d-dati tal-ġrajjiet tal-ġenituri tagħhom jew dawk li jieħdu ħsiebhom ħalli jniżżluhom fuq it-*timeline* li hemm fil-ktieb. Jistgħu wkoll iniżżlu l-ġrajjiet tagħhom personali.
- Fisser li l-ħajja tagħna għandha passat li jorbotna ma' li qed jiġri llum u wara dan kollu hemm Alla li minkejja li hu moħbi qed imexxi l-ġrajjiet tagħna.
- Aqra s-silta li ssib fl-introduzzjoni tal-*Worksheet 1.3* u jekk possibbli oħloq diskussjoni dwar il-ġrajjiet ewlenin fil-ħajja tagħhom. Din l-attività tista' tingħata għad-dar biex l-istudenti jieħdu għajnuna biex jimlew din it-*timeline*.
- L-attività AĦSEB U AĦDEM tinħadem bħala klassi jew b'mod individwali . Tajjeb li min jixtieq

jaqsam ma' sħabu dak li jkun kiteb jew ħaseb ikun jista' jagħmel dan. Xi tweġibiet addattati jistgħu jkunu:

- ✓ Jiddispjacini jekk quddiem dak li ma jogħġobnix nirvella u noħodha kontra tiegħek,
- ✓ Meta kollox miexi sew ġieli lanqas niftakar fiK,
- ✓ Nixtieq inwiegħdek li ħa nkun aktar moħħi hemm,
- ✓ Nemmen li inti miegħi – ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi ta' ħajti.

- Fakkar fil-fatt li Alla qiegħed magħna l-ħin kollu u allura meta nafu li jħobbna, hu mhux ser jitlaqna meta fil-ħajja jinqalgħu xi diffikultajiet jew problemi.

# Kap 1: Storja ta' Mħabba

## Lezzjoni 1.4 –It-Testment il-Qadim

### Il-*Keywords*

It-Testment il-Qadim

### L-Għanijiet:

L-istudenti:

- isiru jafu s-sekwenza bażika tal-ġrajjiet ewlenin tat-Testment il-Qadim u jiskopru personaġġi importanti li għexu f'dak iż-żmien.
- jitgħallmu kif Alla kien qiegħed jidderiġi dawn il-ġrajjiet biex jasal għall-iskop tiegħu li jibgħat lil Ibnu fid-dinja.
- jagħrfu li l-wasla ta' Ġesù fid-dinja hija l-aqwa ġrajja fil-ħajja tal-Poplu Lhudi u tal-Bibbja kollha.

### Ir-Riżorsi:

- Xi ***Youtube videoclips*** li tipprepara minn qabel dwar persuni tal-Antik Testment.
- **Preżentazzjoni 1.4** bi stampi ta' ġrajjiet importanti fit-Testment il-Qadim.
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.4.*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Uri l-ktieb tal-Bibbja u staqsi lill-istudenti x'jgħidilna dan il-ktieb. Wassalhom li jsemmu xi ġrajjiet li jafu li hemm fih.
- Oħroġ l-istudenti fuq l-*Interactive whiteboard* u jiktbu l-ħsibijiet tagħhom dwar il-Bibbja. Bl-għajnuna tal-istudenti stess irranġa l-ġrajjiet imsemmija minnhom f'ordni kronoloġiku. Hawnhekk tista' tikkonsolida dak li jkunu qalu l-istudenti stess billi turihom xi ***Youtube videoclips*** li tkun ippreparajt minn qabel. Uri l-**Preżentazzjoni 1.4** li tkompli ssaħħaħ dak li jkun ġie diskuss.
- Enfasizza l-punt li hawnhekk għandna l-mixja tal-bniedem sa ma seħħ dak li ried Alla. Xi kultant f'din il-mixja, ġraw affarijiet u nsibu ċirkustanzi mhux daqshekk sbieħ. Imma dan kollu ġara minħabba l-egoiżmu tal-bniedem. Imma fl-aħħar mill-aħħar il-pjan t'Alla seħħ.
- Jinqara l-paragrafu minn *Il-Ktieb tal-Attivitajiet* u tinħadem l-Attività 1 b'mod individwali. Ir-risposti huma: 1. Adam, 2. Abraham, 3. Iżakk, 4. Ġakobb, 5. Mosè, 6. David, 7. Salamun, 8. Isaija.
- L-attività AĦSEB U AĦDEM tinħadem b'mod individwali bħala konklużjoni tal-lezzjoni

kollha.Xi tweġibiet jistgħu jkunu:

- meta naf li tani kulma għandi jiddispjaċini u nitlob maħfra
- jekk jien lest li nitlob skuża lill-bniedem, kemm aktar lil Alla li qatt m'għamilli xejn ħlief ġid.

- Min mill-istudenti jkun jixtieq jaqsam ma' sħabu dak li jkun kiteb, ikun jista' jagħmel dan.
- Bħal konklużjoni, enfasizza l-fatt li meta persuna tonqos lil persuna oħra għandha turi d-dispjaċir tagħha billi titlob skuża.
- Spiċċa billi tistieden lill-istudenti jagħmel xi talba dwar l-aħħar punt (tal-iskuża).

# Kap 1: Storja ta' Mħabba

## Lezzjoni 1.5 – Ġrajjiet Importanti fit-Testment il-Ġdid

## Il-*Keywords*

Il-Ministeru ta' Ġesù, il-Knisja

## L-Għanijiet:

L-istudenti:

- jitgħallmu l-ġrajjiet prinċipali tat-Testment il-Ġdid kif ukoll jaraw li l-Knisja tgħaqqadna mal-ġrajjiet tal-Bibbja għax hemm kontinwità.
- jitgħallmu l-ismijiet ta' ftit qaddisin importanti li eżistew tul l-istorja tal-Knisja.

## Ir-Riżorsi:

- **Preżentazzjoni 1.5** bi stampi tal-ġrajjiet ewlenin tat-Testment il-Ġdid kif ukoll ta' qaddisin kbar li jissemmew fil-paragrafu tal-ktieb. Tista' jekk trid iżżid xi oħrajn, inkluż il-qaddis/a patrun tar-raħal.
- L-attività tal-ktieb li fiha l-istudenti jpoġġu l-qaddisin f'ordni kronoloġiku.
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.5*
- *Il-Bibbja.*

## Il-Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Irreferi għall-aħħar stampa tal-*Preżentazzjoni 1.4* u staqsi lit-tfal x'jaħsbu li ġara wara.
- Jekk isemmu l-wasla ta' Ġesù fid-dinja, kompli bil-*Preżentazzjoni 1.5* u staqsihom jgħidu x'jafu fuq il-ġrajjiet li hemm murija fl-istampi.
- Irreferi għall-fatt li wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema l-Appostli xterdu. Tista' ssemmi l-fatt li San Pawl ikkonverta, il-Martri mietu għal Kristu, San Martin (fir-4 seklu) li hu eżempju ta' mħabba lejn il-fqir, u li għandna qaddisin kbar bħal San Franġisk t'Assisi (li għex fis-sekli 12 u 13) u oħrajn li jissemmew fil-ktieb, u l-Papiet li baqgħu jilħqu wara xulxin inkluż il-Papa preżenti.

- Aqra l-paragrafu minn *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.4* u tinħadem l-attività bħala klassi biex issir diskussjoni. Id-data tal-qaddisin tiġi murija mill-preżentazzjoni. Risposti: **San Stiefnu (seklu 1), San Pietru (seklu 1), Santa Helena (seklu 4), San Franġisk t'Assisi (seklu 12), San Tumas t'Akwinu (seklu 13), Papa San Piju V (seklu 16), Santa Tereża ta' Avila (Seklu 16), San Tumas More (seklu 16), Santa Marija Goretti (seklu 20), San Ġorġ Preca (seklu 20).**

  Xi informazzjoni dwar xi qaddisin li tajjeb li ngħaddu lill-istudenti waqt l-ispjega. Għall-finijiet tal-eżami, tidħolx fid-dettalji.

**San Pietru – Appostlu ta' Ġesù**
Kien sajjied prim u hu u ħuh Indrì kienu jqattgħu l-aħjar żmien tal-ġurnata jistadu. Darba Ġesù mar ħdejn ix-xatt tal-Baħar tal-Galilea, rahom, stidinhom imorru warajh u hekk għamlu. Lil Ġesù, Pietru kien iħobbu wisq. Madanakollu, meta lil Ġesù qabbduh u kienu ħa joqtluh, hu ħalef lil ma kienx jafu - għalkemm ftit qabel kien assigurah li ma kienx ħa jitilqu. Pieru ddispjaċih, u Ġesù ħafirlu. Ġesù kien jaf li jħobbu u allavolja ġara li ġara Ġesù għamlu Kap tal-Knisja. Ippriedka u ġera kemm felaħ biex iwassal lil Ġesù fid-dinja ta' dak iż-żmien. L-ewwel priedka tiegħu kienet meta seħħet il-ġrajja ta' Pentecoste. Miet martri imsallab fuq salib rasu 'l isfel f'Ruma.

**San Stiefnu – Djaknu tal-Knisja tal-Bidu**
Wara li Ġesù tela' s-sema, l-Appostli ħarġu jippriedkaw lil Ġesù u ħafna nies bdew jikkonvertu u bdew jemmnu f'Ġesù. Meta ndunaw li ma setgħux ilaħħqu jippriedkaw u jieħdu ħsieb il-foqra, allura għażlu xi rġiel li sejħulhom djakni u talbuhom jieħdu ħsieb dawn il-foqra. Stiefnu kien wieħed minnhom. Kien żagħżugħ intelliġenti u jħobb ħafna lil Ġesù. Kien iċanfar lil dawk li m'emmnux lil Ġesù u tant kienu jobogħduh li kaxkruh 'il barra mill-Belt ta' Ġerusalemm u ħaġġruh sakemm qatluh. Dan seħħ madwar is-sena 34-35 WK.

**Santa Elena (Twieldet għal Nofs it-tliet seklu – Mietet madwar is-sena 330AD)**
Omm L-Imperatur Kostantinu li kien kbir u famuż ħafna. Kien minħabba fih li l-Insara ta' dak iż-żmien tħallew jipprattikaw ir-Reliġjon Kattolika. Kienet mara tajba ħafna u kienet hi li marret Ġerusalemm u sabet il-veru salib li fuqu kien issallab Ġesù. Meta kienet Ġerusalemm hija kienet tagħmel karitajiet kbar u bniet knejjes biex ifakkru l-ġrajjiet l-aktar importanti fil-ħajja ta' Ġesù.

**S. Wistin (354 – 430AD)**
Missieru kien uffiċċjal fl-armata Rumana. Meta kien żagħżugh beda jgħix kif jaqbillu sakemm darba marad u qara xi ktieb reliġjuż u biddel ħajtu. Sar iħobb lil Ġesù tant li kiteb ħafna kotba li bihom għen lill-Knisja. Għandu sentenza famuża li tgħid: " Mulej, int ħlaqtna għalik u l-qalb tagħna ma tistrieħx jekk ma tistrieħx fik."

**San Franġisk t'Assisi (Twieled fl-1181 jew fl-1182 – Miet fl-1226)**
Twieled f'Assisi l-Italja. Kien ġej minn familja sinjura għax missieru li kien jismu Bernardone kien negozjant tal-ħwejjeġ. Kien iħobb jilbes u jixxalla. Darba meta kien sejjer għall-gwerra biex jieħu t-titlu ta' kavallier sema' lehen jgħidlu: "Erġa' lura u aqdi l-Imghallem tiegħek." Beda jitgħallem fuq Ġesù u spiċċa jħalli kollox u jgħix ħajja ta' fqir. Missieru tant irrabja li ma ridux bħala ibnu u allura ddeċieda li jkollu allura missier wieħed – Missieru tas-sema. Beda l-Ordni Franġiskan li fi ħdanu nsibu sorijiet u patrijiet Franġiskani.

**San Tumas t'Akwinu (seklu 13),**
Twieled f'Rocca Secca fl-1225 jew fl-1227 u miet f'Fossa Nuova, fis-7 ta' Marzu, 1274. Kien ġej minn familja nobbli ħafna. Għalkemm kontra x-xewqa tal-familjari tiegħu, hu xorta ingħaqad mal-Ordni tal-Predikaturi, iġifieri d-Dumnikani. Kien bniedem għaref ħafna, filosofu u teologu. Kiteb u studja ħafna biex lill-Knisja jagħniha b'tagħlim sod u jqawwi l-fidi tal-Insara. Fost dak li kiteb, insibu l-provi tal-eżistenza t'Alla. Għalih Alla kien ħaj u kien il-bidu ta' dak kollu li hawn fid-dinja.

**S. Katerina ta' Siena (seklu 14)**
Twieldet fis-27 ta' Marzu 1347 u mietet fid-29 t'April 1380 fi Siena u kienet ġejja minn familja kbira ħafna. Kienet tistudja u titlob ħafna u meta kibret saret soru Dumnikana. Hija padruna tal-Italja flimkien ma' San Franġisk t'Assisi. Fi żmienha għenet ħafna lill-papiet billi kienet tikteb ħafna ittri u tispjegalhom x'għandhom jagħmlu. Kienet persuna li tħobb ħafna lil Ġesù u kienet tagħti ħafna karitajiet u tgħin lill-morda fid-djar u l-isptarijiet.

**S. Tumas More (sekli 15/16)**
Twieled fis-7 ta' Frar, 1477/1478 u nqatel fis-6 ta' Lulju, 1535. Kien avukat famuż u ta' intelliġenza kbira. Fi żmienu kien hemm ir-Re Enriku 8 fl-Ingilterra u dan riedu jkun il-Kancillier tiegħu. Sar Kancillier bil-kundizzjoni li hu jibqa' leali lejn ir-Reliġjon Kattolika. Kien jgħix ta' Nisrani tajjeb u baqa' hekk sa l-aħħar allavolja swietlu ħajtu. Meta r-re ried iħalli 'l-mara biex jiżżewweġ oħra, Tumas More ma qabilx, tant li fl-aħħar ir-re permezz ta xhieda qarrieqa fil-qorti u bagħtu l-ħabs. Hawnhekk hu baqa' sakemm miet billi tawh il-forka.

**San Injazju ta' Loyola. (sekli 15/16)**
Twieled fl-1491 ġo familja sinjura u nobbli. Huwa kien Spanjol. Kien jistudja ħafna u jikteb ħafna għax kien veru intelliġenti. Meta kiber waqqaf is-Soċjetà tal-Ġiżwiti li għadha magħna sallum.

**Il-Papa Piju V (seklu 16)**
Twieled fis-17 ta' Jannar, 1504 u miet fl-1 ta' Mejju, fl-1572. Kien minn Milan u ħadem ħafna biex isiru ħafna riformi fil-knisja. Għen ħafna biex il-qassisin jgħixu sew biex il-poplu kollu jkun kapaċi jgħix sew. Meta Malta kienet attakkata mit-Torok, hu bagħat għajnuna hawnhekk u talab lil kull min kien fuq il-vapuri kif ukoll lis-slaten kollha tal-Ewropa biex jgħidu kemm jifilħu r-rużarju. Filfatt l-Insara rebħu fuq it-Torok. Il-gwerra tissejjaħ il- Battalja ta' Lepanto. Baqa' magħruf bħala l-Papa tar-Rużarju

**S.  Tereża t'Avila (seklu 16)**
Magħrufa wkoll bħala Tereza ta' Ġesù. Twieldet fit-28 ta' Marzu 1515 u mietet f'Ottubru  1582. Kienet Spanjola u saret soru Karmelitana. Meta kienet żgħira ħarbet ma' ħuha Rodrigo biex imorru fejn dawk in-nies li kienu qed imutu għal Ġesù. Iltaqa' magħhom zijuhom u ħadhom lura. Qalilhom li tmut martri tfisser ukoll li tħobb lil Ġesù billi tagħmel dak li jrid hu minnek.

**Santa Marija Goretti (sekli 19/20)**
Twieled fis-6 t'Ottubru fl-1890 u miet fis-6 ta' Lulju fl-1920. Kienet tifla li kienet tħobb ħafna lil Ġesù. Kienet timxi mixja twila biex tmur titgħallem fuq Ġesù  - il-katekiżmu. Minħabba li missierha kien miet bil-malarja, ommha, biex tgħajjex lill-familja, kienet tmur taħdem fl-għelieqi. Marija kienet tibqa' d-dar tieħu ħsieb lil ħutha ż-żgħar. Alessandro Serenelli, li kien joqgħod ma' missieru fl-istess binja, ħajjar lil Marija biex tagħmel id-dnub. Marija baqgħet soda u għal din ir-raġuni, Alessandro taha diversi daqqiet ta' sikkina. Marija, ta' Nisranija tassew, ħafritlu qabel ma mietet.

**San Ġorġ Preca (sekli 19/20)**
Twieled fit-12 ta' Frar, 1880 u miet fis-26 ta' Lulju 1962. Kien saċerdot li dejjem fittex li kemm it-tfla u kemm iż-żgħażagħ u kemm l-adulti jħobbu lil Alla. Beda s-Soċjetà tat-Tagħlim Nisrani (MUSEUM) għaliex xtaq li d-dinja kollha ssir taf bl-Evanġelu ta' Ġesù. Kien jiġri ma' Malta kollha jgħallem lil kulħadd.

Għal aktar informazzjoni fuq il-qaddisin, ara: http://www.newadvent.org/cathen/

- L-attività AĦSEB U AĦDEM tinħadem b'mod individwali biex wieħed jagħti ċans lill-istudenti biex jaħsbu. Wara, tajjeb li jsir qsim ta' ideat fuq dak li jkun inkiteb. Jagħżlu x'jagħżlu l-istudenti bħala qaddisin, tajjeb li joħroġ il-punt li dawn il-qaddisin kollha kienu xhieda ta' Ġesù billi qdew u ħadmu ħafna biex lil dan Ġesù jgħadduh lill-oħrajn. U aħna rridu wkoll inkunu fost dawk li naqdu u nkunu xhieda ta' Ġesù.

# Kap 1: Storja ta' Mħabba

## Lezzjoni 1.6 – Il-Komunikazzjoni bejn Alla u l-bniedem

### Il-*Keywords*

Komunikazzjoni, kif kellimna Alla matul iż-żmien

### L-Għanijiet:

L-istudenti

- jifhmu li Alla jikkomunika mal-bniedem u dan jidher ċar permezz tal-ġrajjiet tal-Bibbja.
- jifhmu li l-komunikazzjoni ta' Alla hija dejjem biex il-bniedem jersaq lejh għax b'hekk biss jista' jkun kuntent.
- jagħrfu li l-ikbar komunikazzjoni Alla għamilha permezz ta' Ibnu Ġesù li wassal il-liġi t'Alla għall-perfezzjoni.

### Ir-Riżorsi:

- **Preżentazzjoni 1.6** bi stampi ta' personaġġi bibbliċi li Alla kellimhom jew inqeda bihom biex jitkellem mal-poplu tiegħu.
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.6*
- *Il-Bibbja.*

### Il-Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Staqsi lill-istudenti x'jagħmel il-bniedem biex iwassal messaġġ lil xi ħadd ieħor.
- Oħloq diskussjoni dwar kif Alla matul is-snin ikkomunika mal-bniedem.
- Staqsi lill-istudenti jsemmu nies fil-Bibbja li Alla kellem u x'qalilhom. – Abraham – Samwel – David.
- Uri l-istampi tal-preżentazzjoni u semmi kif Alla kellem lil dawn in-nies. Uri li Alla dejjem wassal messaġġ ta' ġid.
- Asal għall-fatt li l-akbar u l-isbaħ aħbar tahielna permezz ta' Ġesù li ġab għall-perfezzjoni l-liġi t'Alla għax ġabarha fil-liġi tal-imħabba t'Alla u l-proxxmu.- Ħobb lil Alla b'qalbek kollha u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek.
- Ikkonkludi li Alla wkoll ikellimna llum permezz ta' ħafna modi inkluż il-kelma tiegħu perezz tal-qari tal-Bibbja, permezz ta' dawk li jispjegawlna din il-Bibbja – il-Papa, l-isqfijiet, is-saċerdoti u oħrajn u billi nisimgħuh fina...proċess li jissejjaħ il--uxjenza! Din ser nerġgħu niltaqgħu magħha aktar tard fil-units.
- Aqra mal-istudenti l-paragrafu li jinsab fi *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.6* u tinħadem l-attività 1 b'mod individwali. Risposti:

Jiena hu *Alla* sidek!

1. Ma jkollokx Alla *ieħor għajri* .
2. La ssemmix *l-isem* t'Alla fil-*batal*.
3. Ħares *il-Ħdud* u l-festi *kmandati*.
4. Agħti ġieh lil *missierek* u lil *ommok* .
5. La *toqtolx*.
6. La *tiżnix*.
7. La *tisraqx*.
8. La *tixhidx* ħaġa *b'oħra*.
9. La *tixtieqx* nisa tal-*oħrajn*.
10. La tixtieqx *ħwejjeġ* tal-oħrajn.

- L-attività AĦSEB U AĦDEM tista tinħadem fi gruppi bħala konklużjoni tal-lezzjoni kollha. Tajjeb li jsir qsim ta' ideat. Xi risposti addattati għal:

(a) gwida, għajnuna, jagħtu direzzjoni, juruna xi jrid Alla minna, bihom naslu l-ġenna.

(b) Dwar ir-raba' kmandament - niġbdu l-attenzjoni tal-istudenti għall-fatt li rridu nirrispettaw lil dawk li jieħdu ħsiebna u li rridu nobduhom.

# Kap 1: Storja ta’ Mħabba

## Lezzjoni 1.7 – Il-Vuċi t’Alla fil-bniedem

### Il-*Keywords*

Kuxjenza, deċiżjonijiet tajbin

### L-Għanijiet:

L-istudenti

- jagħrfu li huma jisimgħu lil Alla jkellimhom permezz tal-kuxjenza.
- jitgħallmu li din il-kuxjenza jiffurmawha permezz tat-tagħlim tal-Knisja li jasal għandna permezz ta’ sorsi differenti (is-saċerdoti, il-katekisti, il-ġenituri, l-għalliema, u persuni oħra).
- jifhmu li huma responsabbli li jifformaw il-kuxjenza tagħhom b’tagħlim tajjeb u li jaqbel mat-tagħlim tal-Knisja. Dan hu proċess li m’għandux tmiem, għalhekk irid isir tul il-ħajja kollha.

### Ir-Riżorsi:

- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.7*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Fakkar lill-istudenti l-konklużjoni tal-lezzjoni tal-jum ta’ qabel dwar il-modi kif Alla jkellimna llum u juża wkoll il-mod personali.
- Spjega li Alla poġġa fina l-vuċi tiegħu li tissejjaħ il-kuxjenza (fakkar li din tkun issemmiet fil-lezzjoni 1.6) u li dan iġegħelna nħossuna tajjeb meta nagħmlu t-tajjeb u nobduh iżda meta nagħmlu l-ħażin u niksru l-liġi tiegħu ikollna r-rimors. B’dal-mod Alla jurina jekk hux kuntent bina jew le. Għalhekk hawnhekk tajjeb li nfakkru fl-importanza li nitgħallmu u noqogħdu attenti fil-klassi u fil-formazzjoni li nieħdu fil-għaxija fil-Muzewijiet jew fiċ-Centri ta’ tagħlim ħalli nagħrfu dejjem aktar x’inhu mistenni minna u kif suppost ngħixu biex fil-verita nħobbu lil Alla u lil ta’ madwarna.
- Oħloq diskussjoni u erġa’ enfasizza l-punt preċedenti, fejn l-istudenti jifhmu li l-kuxjenza mhix maġija jew immaġinazzjoni. Huwa proċess li jibda minn mindu nkunu żgħar permezz tan-nies ta’ madwarna li jgħinuna nifhmu x’inhu tajjeb u x’inhu ħazin. Il-Knisja – il-Papa, l-Isqfijiet, is-saċerdoti, il-ġenituri/il-familjari/dawk li jieħdu ħsiebna, il-katekisti, l-għalliema, eċċ., jgħinuna biex niffurmaw il-kuxjenza tagħna permezz tat-tagħlim ta’ Ġesù, ħalli ngħixu tajjeb aħna, u mal-oħrajn.
- Fiehem lill-istudenti li peress li aħna qed nikbru u ninbidlu, irridu nibqgħu nitgħallmu biex nagħrfu dejjem aktar dak li hu sew minn dak li mhux għax b’hekk inkunu qed inkomplu

niffurmaw il-kuxjenza tagħna. Il-kuxjenza rridu nibqgħu nifformawha tul ħajjitna kollha.

- Aqsam lill-istudenti fi gruppi u ħallihom jiddiskutu s-sitwazzjonijiet li hemm fi *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.7*. Barra dan tista' tippreżenta xi sitwazzjonijiet oħrajn marbutin ma' diffikultajiet tal-istudenti tal-klassi.

- L-attività AĦSEB U AĦDEM tinħadem bħala klassi biex isir qsim ta' ideat. Xi risposti addattati jistgħu jkunu:

  ✓ (a) xi kultant inkunu rridu nagħmlu li jfettlilna u mhux li hemm bżonn, ma jimpurtanix minn ħaddieħor, niddejjaq meta ma nagħmilx li rrid.

  ✓ (b) naħseb qabel nopra, nieħu parir, nidhra ma nagħmilx li rrid. Nistaqsi: "Kieku Ġesù kien minfloki x'kien jagħmel?"

- Enfasizza fl-aħħarnett li qabel kull azzjoni nistaqsi: "Kieku Ġesù kien minfloki x'kien jagħmel?". Dan jgħinni nirrifletti sew qabel nagħżel x'għandi nagħmel.

# Kap 1: Storja ta' Mħabba

## Lezzjoni 1.8 – X'ħadna minn dan il-Kapitlu

### Il-*Keywords*

Storja ta' Mħabba

### L-Għanijiet

L-istudenti

- Jirrevedu l-punti importanti ta' dan il-kapitlu permezz tal-mistoqsijiet.

### Ir-Riżorsi

- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.8*
- *Il-Bibbja*

### Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Uża t- taħriġ ta' *brainstorming*, u staqsi lill-istudenti jsemmu dawk l-aspetti tal-Unit li l-aktar laqtuhom. Li jsemmu jinkiteb fuq il-*board*. Dan iservi ta' reviżjoni ħafifa tal-kapitlu. Minn dak li jkun inkiteb, oħroġ l-importanza tat-titlu tal-kapitlu u elenka l-kliem importanti (*key words*) għax permezz tagħhom tkun qiegħda tagħtihom ġabra fil-qosor tal-punti importanti li jridu jiftakru.
- Semmi l-valur tal-komunikazzjoni bejn Alla u l-bniedem li ħareġ minn dan il-kapitlu. Fakkar li ma jistax ikollna komunikazzjoni m'Alla jekk ma jkollniex komunikazzjoni tajba mal-bnedmin. Ara 1 Sam 3: 10 fejn insibu: "Tkellem, Mulej. Il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'."
- Enfasizza li tajjeb li nitkellmu dwar dak li nħossu ma' dawk li kapaċi jifhmuna, nagħtu ċans lil kulħadd biex jitkellem, naċċettaw l-opinjoni ta' kulħadd u nisimgħu lil kulħadd biex insiru nafu, nifhmu u ngħinu.
- Agħti ftit ħin sakemm l-istudenti, b'mod individwali, jaħdmu 'Kemm tiftakar? Fi *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.8*. Fakkar x'għandhom ikunu r-risposti. Ir-risposti huma dawn:

    1. Kuxjenza
    2. Ġwanni l-Battista
    3. Kmandamenti
    4. Appostli
    5. poplu, art

6. Profeti, Qassisin, Slaten, Imħalfin

7. tempji, altari

8. Jitolbu u joffru sagrifiċċji

9. Alla

10. San Pietru, San Pawl, San Tumas d'Aquino (fost l-oħrajn) – ħalli lill-istudenti liberi – basta jkunu qaddisin.

- L-attività AĦSEB U AĦDEM tista' tinħadem fi gruppi. Wara jsir qsim ta' ideat fil-grupp il-kbir. Xi risposti huma: ma nagħtux ċans lil xulxin biex nitkellmu u nisimgħu lil xulxin; inkunu rridu nsaħħu l-punt tagħna u nkunu rridu li ħaddieħor jifhem li tagħna biss hu tajjeb (fost l-oħrajn).

  ✓ Nisimgħu b'attenzjoni lill-oħrajn;

  ✓ Naċċettaw l-opinjoni ta' ħaddieħor;

  ✓ Inħobbu lill-oħrajn, avolja jkollhom opinjoni differenti minn tagħna.

- Ikkonkludi l-lezzjoni billi tfakkar fil-bżonn li għandna li jkollna kuxjenza ffurmata tajjeb u din tiġi billi nisimgħu sew dak li jkun qed jiġi ppreżentat lilna biex nifhmu sew u allura naslu li nagħmlu li hemm bżonn.